MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Numru. 536/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Camilleri, bin George u Nazzarena neé Attard, residenti fil-fond numru 3, Profs Guze Aquilina, Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 27870(G) li gie akkuzat talli matul dawn il-granet u fis-27 ta' Lulju, 2009

ghal habta ta’ 09:00hrs f’garage bl-isem ‘In-Nennieq’ Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar, Ghawdex;

1. hadem f’negozju tal-ikel, liema negozju ma kienx gie registrat jew licenzjat mill-Awtorita’ tas-Sahha;

2. talli uza il-fond ghat-trattament ta’ prodotti ta’ origini mill-annimali li ma kienx registrat jew approvat mill-Awtorita’ Kompetenti;

3. naqas li jzomm post tal-ikel nadif u f’kundizzjoni tajba ta’ tiswija;

4. naqas li jhares l-ikel kontra kull kontaminazzjoni li x’aktarx tirrendi dak l-ikel mhux tajjeb ghall-konsum tal-bniedem, dannu ghas-sahha jew kontaminat b’tali mod li ma jkunx ragonevoli li wiehed jippretendi li dan ghandu jigi kkunsmat f’dak l-istat b’mod partikolari naqas li jqieghed l-ikel b’mod li jigi protett minn kull riskju ta’ kontaminazzjoni;

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet gentilment mitluba tikkonfiska u tiddistruggi l-oggetti kollha li gew sekwestrati mill-imputat.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha tal-kaz.

Semghet il-provi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 11 u 14 tal-Kapitolu 449 u Regolament 8 u l-Iskeda ta' Legislazzjoni Sussidjarja 449.31 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmien (8) xhur millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.
Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u l-qirda tal-oggetti sekwestrati taht is-supervizjoni ta' Ufficjal ta' l-Aworita tas-Sahha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------